TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

# Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

Joanna Mercieca Magro

vs

Joseph Cremona - JC Contractors

CCT G 5/19 MS

27 ta' Marzu 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti tas-27 ta' Awwissu 2019 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna lill-intimat/ajzenda intimata ihallasha s-somma ta €812.40 ghal xoghol rimedjali li hi kellha taghmel minhabba hsarat li zviluppaw fil-kamra tal-banju taghha kif ukoll ta' terzi, wara xoghol hazin ezegwit mill-intimat u mill-azjenda tieghu.

Ra li l-intimat, debitament notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma ghamel l-ebda risposta u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti l-versjoni tieghu.

Ra l-verbal tal-1 ta' Novembru fejn il-kawza thalliet ghall-provi tal-intimat ghall-10 ta' Jannar 2020. Ra illi dakinhar l-intimat rega' ma deherex u l-kawza thalliet ghas-sentenza in diffett ta' ostakolu.

Ra illi ma kien hemm l-ebda ostakolu ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-kawza u sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi lejn l-ahhar ta' Lulju 2018, ir-rikorrent inkarigat lill-azjenda intimata/ intimat ghal xoghol f'zewg kmamar tal-banju fi flat taghha. Ir-rikorrenti tghid li ghalkemm l-intimat qalilha li kien ha jlesti kollox fi zmien hmistax, dam erba' xhur gej u sejjer, daqqa ma jigix u fl-ahhar lesta kollox f'Novembru. Xi hames xhur wara, irceviet telefonata minn xi hadd li joqghod fi flat ta' taht li qalilha li kien sab is-saqaf kollha moffa u l-ilma jqattar. Dawn kienu gejjin mill-kamra tal-banju li kien biddel l-intimat, li min-naha tieghu, wara li kkonstata l-hsarat weghda li ha jirrangalha kollox. Ghal darb'ohra ghaddew numru ta' gimghat minghajr u l-intimat baqa' inadempjenti filwaqt li l-hsara tkompliet tikber. Fl-

ahhar ir-rikorrenti tatu deadline u qaltlu li jekk ma jirrangax kollox sal-10 ta' Mejju kienet ser tqabbad lil haddiehor jaghmel ix-xoghol. Wara diversi messaggi u emails, ir-rikorrenti baqghet bla twegiba u ghalhekk kellmet il Chi Consultants li ikkonstataw li l-problema kienet gejja mill-fatt illi l-intimat ma kienx ghamel silicone max-shower trays u ghalhekk kienu qeghdin jillikjaw. Dawn gew irrangati u ghal dan ir-rikorrenti hallset €412.40 u qabbdet bajjad biex jizbogh il-hitan kemm taghha kif ukoll ta' tahtha u ghal dan ix-xoghol ha erba mitt Euro. B'kollox ghalhekk ir-rikorrenti qieghda titlob il-hlas ta' €812.40

Ikkunsidra

Apparti l-fatt illi l-intimat ma ghamel l-ebda risposta u ma deherx quddiem dan it-Tribunal biex jaghti l-versjoni tieghu li b'xi mod jikkontrasta dak li qed tghid ir-rikorrenti, minn analizi tad-dokumenti kollha esebiti - sia l-messaggi u l-korrispondenza, r-ritratti u d-dokumenti kollha l-ohra, it-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju dwar il-veracita' ta' dak li qieghda tghid ir-rikorrenti. It-Tribunal hu sodisfatt illi r-rikorrenti rnexxielha tipprova l-kaz taghha oltre minn semplici probabbilta, u t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimat/ azjenda intimata solidament ihallasha s-somma ta' €812.40 ghar-ragunijiet fuq imsemmiija. Bl-ispejjes kontra l-istess intimat/ azjenda intimata solidament.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru